20 ta' Diċembru, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Maria Farrugia *versus* Maria Stivala

**Intervent fil-Kawża — Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — Sentenza — Revoka — Art. 959 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Ediz. Riveduta).**

*Huwa veru li l-intervent fil-kawża ma jissospendix il-proċediment; iżda dana ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu għadhom iridu jsiru għall-istruzzjoni tal-kawża, l-intervenut ma jistax japprofitta ruħu mill-mezzi kollha li tagħtih il-liġi biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu.*

*Irrevoka ta' sentenza mogħtja mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ f'konkors għall-konsegwiment ta' legat, meta tkun mitluba fuq preġudizzjali ta' interess ġenerali għall-konkorrenti kollha u mhux fuq motivi personali bejn il-kontendenti, ma tistax tiġi diskussa jekk fil-kawża ma jkunux parti l-interessati kollha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni prreżentat quddiem din il-Qorti, fejn l-attriċi, wara li qalet li d-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ, b'sentenza mogħtija fl-20 ta' April 1945, eleġġiet għall-konsegwiment tal-legat fondat minn Maddalena Cardona in Re, għall-bijennju 1933-34, lill-konvenuta Maria Stivala bħala dixxendenti minn Feliċe Azzopardi, mentri l-legat ta' dan il-bijennju kien imissu ġie konsegwit mid-dixxendenti ta' Giuseppe u Maria Grixti; u li d-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ eskludiet lill-attriċi mill-konsegwiment ta' dan il-legat, għax irriteniet li l-vera linja tad-dixxendenti ta' Maria Calleja illi l-fondatriċi kkjamat kienet dik ta' Maria Calleja mart Giuseppe Delicata u mhux dik ta' Maria Calleja mart Giuseppe Grixti; u li l-kjamata Maria Calleja kienet miżżewġa ma' Giuseppe Grixti u mhux ma' Giuseppe Delicata, kif erroneament huwa miġjub fit-testment ta' Maddalena Cardona in Re tal-20 ta' Novembru 1751 fl-atti tan-Nutar Domenico Gerolamo Bonavia, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u li l-attriċi hija dixxendenti mill-kjamata Maria

Calleja mart Giuseppe Grixti; u li l-ebda konkorrenti ma dehret mid-dixxendenti ta' Mattia u Anna Delicata għall-konsegwiment tal-legat għall-bijennju 1933-34; talbet;— 1. Li jiġi dikjarat u deċiż li l-kjamata Maria Calleja kienet miżżewġa ma' Giuseppe Grixti, u mhux ma' Giuseppe Dlicata; 2. Li s-sentenza fuq imsemmija, mogħtija mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ fl-20 ta' April 1945 tiġi revokata in kwantu eleġġiet għall-konsegwiment tal-legat fondat minn Maddalena Cardona in Re għall-bijennju 1933-34 lill-konvenuta, għarraġuni li għal dan il-bijennju jmissha ġiet eletta waħda middixxendenti ta' Giuseppe u Maria Grixti, kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża, u li konsegwentement l-istess konvenuta tiġi dikjarata dekaduta mill-pregradwazzjoni u mill-konsegwiment ta' l-imsemmi legat għall-bijennju 1933-34; 3. Li l-attriċi tiġi dikjarata dixxendenti minn Maria Calleja mart Giuseppe Grixti, u ppregradwata u eletta għall-konsegwiment tal-legat imsemmi għall-bijennju 1933-34; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-intervenuta fil-kawża Maria mart Richard Soler, bin-nota tagħha tal-21 ta' Jannar 1946, ġiebet 'il quddiem l-eċċezzjoni li din il-kawża kif magħmula ma tistax timxi, għarraġuni li l-ġudizzju mhux integru, billi messu ġie ntrodott mhux biss kontra l-konvenuta Maria Stivala, iżda anki l-eletti l-oħra kollha, minbarra l-ewwel waħda Paolina Magri, li ġew pregradwati bis-sentenza fuq imsemmija mogħtija mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ fl-20 ta' April 1945. Minħabba dik l-eċċezzjoni l-perit legali deherlu ġustament li huwa kellu jippreżenta relazzjoni preliminari fuqha minħabba n-natura perentorja tagħha, u f'dik ir-relazzjoni huwa ssottometta li l-eċċezzjoni fuq imsemmija jistħoqqilha tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel diffikultà li qanqlet l-attriċi kontra l-konklużjoni li għaliha wasal il-perit legali fir-rapport tiegħu hija dik li l-intervenuta fil-kawża Maria Soler ma setgħetx tagħti l-eċċezzjoni fuq imsemmija, billi skond l-art. 959 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-intervent fil-kawża "in statu et terminis"

ma *jwaqqafx* il-proċeduri. Fuq dan il-punt għandu jiġi rilevat li għalkemm huwa veru li min jintervjeni jidħol fil-kawża *fl-istat* u fit-termini li *allura* tkun tinsab, u l-ammissjoni tiegħu ma tissospendix il-*proċedura*; iżda dana ma jfisserx li fl-attijiet ulterjuri, li jkunu għad iridu *isiru* għall-istruzzjoni tal-kawża, huwa ma jkunx jista' jipprofitta ruħu mill-mezzi kollha li tagħtih il-liġi biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu. Keku ma kienx hekk, l-intervent jiġi jonqos mill-*iskopi prinċipali tiegħu, jiġifieri* dawk *tat-tutela ta'* l-interessi ta' l-interventur fil-konfront ta' parti waħda jew taż-żewġ partijiet fil-ġudizzju. u li l-kawżi ma jiġux moltiplikati iżda, kemm jista' jkun, ridotti (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Mejju 1905 in re "Testaferrata Bonici vs. Testaferrata Bonici et." (Kollez. Vol. XIX-I-90; u oħra tat-13 ta' Mejju 1932 in re "Spiteri vs. Dr. Parnis"). Imbagħad il-konvenuta assoċjat ruħha f'dik l-eċċezzjoni b'nota tal-20 ta' Novembru 1946;

Ikkunsidrat;

Illi fl-atti tan-Nutar Domenico Gerolamo Bonavia tal-20 ta' Novembru 1751 Maddalena Cardona in Re iffondat legat taż-żwieġ u stabbiliet illi kull sentejn, *bir-renta ta'* għalqa...... ;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-fatti *fuq* miġjubin, hemm bżonn li tiġi eżaminata d-domanda kif *proposta* mill-attriċi, biex wieħed jista' jgħaddi għad-deċiżjoni ta' l-eċċezzjoni li l-ġudizzju ġie *propost* ħażin għax mhux kontra l-interessi kollha. Bl-ewwel domanda taċ-ċitazzjoni l-attriċi qiegħda titlob.............. L-attriċi pproponiet din il-kawża kontra l-konvenuta, li ġiet eletta għal dak il-bijennju, għaliex tippretendi li l-konkors kellu jiġi estiż anki għall-alternativa tad-dixxendenti minn Giuseppe u Maria Calleja, li skond il-pretensjoni tagħha huma d-dixxendenti minn Giuseppe u Maria Grixti. L-attriċi u l-konvenuta ma ġewx 'il quddiem f'dak il-konkors bħala konkorrenti minn l-istess linja, u l-meriti tagħhom personali għalhekk ma hemmx lok li jiġu meqjusin. Il-kwistjoni prinċipali li l-Qorti għandha quddiema hija jekk id-Deputazzjoni kienetx

ġustifikata tqiegħed barra mill-konkors dawk kollha li kienu jinsabu fil-pożizzjoni ta' l-attriċi, billi ddikjarat li ma kienu hemm ebda dixxendenti ntitolata għall-alternativa ta' Giuseppe u Maria Calleja. Din hija l-kwistjoni li fuqha l-attriċi qiegħda tibbaża d-domanda tagħha għar-revoka tas-sentenza tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ;

Is-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni tinvolvi prinċipju ta' l-ikbar importanza għall-konkors kunsidrat bħala ħaġa waħda; u, kif sewwa qal il-perit legali, ir-revoka ta' dik is-sentenza qiegħda tiġi bażata mhux fuq motivi personali bejn l-attriċi u l-konvenuta, iżda fuq preġudizzjali ta' interess ġenerali għall-konkorrenti kollha, billi minnha d-Deputazzjoni ġibdet konsegwenzi ġenerali u applikabili għall-konkorrenti kollha. Minħabba n-natura tagħha, kif fuq imfissra, id-diskussjoni ta' dik il-kwistjoni għandha ssir bejn il-persuni kollha li għandhom interess, billi jistgħu jsofru xi dannu jew jottjenu xi benefiċċju mill-mod kif tiġi deċiża. Infatti, kieku t-talba ta' l-attriċi kellha tiġi eventwalment milqugħa, il-konsegwenza tkun li almenu tnejn mill-konkorrenti eletti jkollhom jiġu esklużi, kif ukoll l-ispostament ta' l-alternativi kollha barra mill-ewwel waħda. Minn dak li jingħad fuq wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li għaliha wasal il-perit legali fir-rapport tiegħu, jiġifieri illi l-oġġett in kontestazzjoni, almenu limitatament għall-ewwel talba, għandu jiġi kunsidrat ta' natura indiviżibili, u dik il-kontestazzjoni għandha ssir fil-konfront ta' l-interessati kollha fil-konkors deċiż mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ bis-sentenza tal-20 ta' April 1945;

Għaldaqstant;

Tilqa' l-eċċezzjoni mogħtija mill-intervenuta fil-kawża Maria Soler u mill-konvenuta, billi tiddikjara li l-ġudizzju ġie propost ħażin għax mhux kontra l-interessati kollha; u konsegwentement tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-reġistru għandu jitħallas mill-attriċi.